**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paula Ciantar)**

**vs**

**Eebis Getu**

**Illum 17 ta' Awwissu, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Eebis Getu, minghajr dokument t'identifikazzjoni, akkuzata talli nhar id-29 ta' Lulju 2016, fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, il-Furjana, ghall-habta ta' nofsinhar u fis-sighat ta' wara, iddenunzjat lill-pulizija ezekuttiva reat li kont taf li ma sarx, inkella bil-qerq hloqt it-tracci ta' reat b'mod li setghu inbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar (Art. 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, m'obdejtx legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallejtux jew fixkiltu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indhalt fi dmiru, billi ma hallejtx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' ghamel, jew billi gibt fix-xejn jew hassart dak li haddiehor ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun (Art. 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Semghat il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum l-Erbgha, 17 ta' Awwissu, 2016.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha

**IL-FATTI SPECIE TAL-KAZ**

L-imputata, cittadina tal-Etjopja, waslet Malta bl-ajru nhar il-Hamis 28 ta' Lulju, 2016. L-ghada marret ghand il-pulizija fejn allegat li kienet waslet Malta hamest ijiem qabel flimkien ma' familja mill-Kuwait, fejn dawn kienu jimmaltrattawha u kienu jhalluha msakkra fl-appartament. Hija qalet lill-pulizija li kienet harbet mill-appartament ghax bezghat ghal hajjitha. Aktar tard hija spjegat lill-pulizija li dan ma kienx minnu u li hi qalet dan ghaliex zaghzugh Somalu li ltaqghet mieghu qalilha li jekk tghid din l-istorja f'Malta, hija kienet tinghata l-azil.

Spjegat li veru kienet tghix il-Kuwait u l-familja li kienet tghix maghhom kienu jimmaltrattawha, imma dawn qatt ma kienu gew Malta. L-imputata spjegat li kienet tissakkar gewwa u anke kienu jsawtuha. Kienet bdiet tahdem maghhom permezz ta' agenzija mill-Etjopja.

L-imputata spjegat li hija vvjaggat permezz ta' passaport falz. Il-passaport falz li uzat jinsab ghand il-persuna mis-Somalja. Il-passaport propju taghha jinsab ghand il-mara li kienet tahdem maghha l-Kuwait. Hija spjegat li liz-zaghzugh Somalu kienet taghtu gizirana tad-deheb u ma tafux. Huwa kien ivvjagga maghha fuq l-istess ajruplan.

Hija qalet li Wakoo Mayou Kabelu kien ir-ragel taghha, ma tafx fejn jinsab, izda meta waslet ltaqghet mieghu u dan wara li rrangalha z-zaghzugh Somalu. Hija qalet li giet Malta biex tiltaqa' mar-ragel taghha, spjegat li meta kienet Musulmana isimha kien Rihama Kurra Dallu u llum jisimha Eebis Getu.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**L-ewwel imputazzjoni –**
**(Ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kap 9)**

Permezz tal-ewwel (1) imputazzjoni l-imputata giet akkuzata bir-reat kontemplat fl-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe s-simulazzjoni ta' reat.

Dwar s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 110 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

> *"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq johloq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena."*

Illi dwar is-simulazjoni ta' reat, ir-reat kontemplat f'l-artikolu 110(2) l-Professur Mamo jghid hekk:

> *"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. [...] This crime differs from that of calumnious accusation in as much*

*as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged [...]. The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. [...] Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation".*

Illi fis-sentenza moghtija fis-16 ta' Frar 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti fuq din id-disposizzjoni tal-ligi:

*"Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is- simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta' l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."*

Dan ir-reat ta' simulazzjoni ta' reat huwa differenti mir-reat ta' kalunja ghaliex f'dan ir-reat m'hemmx akkuza specifika kontra persuna specifika u m'hemmx l intenzjoni tal-agent li jressaq il-Qorti persuna innocenti. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Farrugia**[1] ta' nhar it-2 ta' April 2004 qalet li l-Artikolu 110 (2) huwa destinat sabiex ma jkunx ikkrejat inkonvenjent u pregudizzju lill-awtoritajiet kompetenti ghaliex ikollhom jahlu il-hin sabiex jinvestigaw

[1] Deciza mill-Imhallef Vincent DeGaetano

rapporti dwar reati li fil-verita' ma sehhewx apparti l-allarm li jistghu jikkrejaw lill-pubbliku. F'dan il-kaz l-element intenzjonali jikkonsisti fil-fatt li l-agent iressaq informazzjoni dwar allegat reat li jaf li ma sehhx u ghalhekk l-intenzjoni specifika hija dik sabiex tizvijja il-gustizzja. Dan hu reat formali u hu kkonsmat fil-mument li jsir ir-rapport lill-pulizija esekuttiva.

Il-Qorti ser tikkwota dak kollu li qal l-Imhallef Vincent Degaetano fis-sentenza fuq iccitata:

> *"Issa, ma hemmx dubbju li, bhal fil-kaz tarreat ta' kalunja, biex ikun hemm id-denunzja lill-awotorita` kompetenti, ma hemmx ghalfejn li jigu osservati lformalitajiet preskritti fl-Artikoli 537 et. seq. tal-Kodici Kriminali: huwa bizzejjed li l-kalunja jew ir-reat simulat jingieb, anke jekk biss bil-fomm, a konjizzjoni tal-awtorita` kompetenti[2]. Issa huwa veru li, ghall-finijiet tar-reat ta' kalunja (Art. 101), hemm gurisprudenza fis-sens li ddenunzja trid tkun spontanea u mhux biss volontarja. Lewwel darba li dan il-punt gie affermat mill-Qrati taghna jidher li kien fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-Qrati tal-Magistrati) tal-24 ta' Ottubru, 1951 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nicola Brincat et** (deciza mill-kompjant Imhallef Anthony Montanaro Gauci)[3]. F'dik is-sentenza dik il-Qorti dahlet f'certu dettal dwar dan il-punt kontrovers (fejn anke id-dottrina Taljana jidher li ma kienitx konkordi), izda jidher li kienet influwenzata principalment bil-kummenti tal-Falzon filktieb tieghu **Annotazioni alle Leggi Criminali per l'Isola di Malta e sue Dipendenza**[4].*
>
> *Ir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 110, pero`, gie introdott fil-ligi taghna bl-Ordinanza IX ta' l-1911 hu – kif josserva l-Professur Sir Anthony Mamo fl-appunti tieghu[5] – din iddisposizzjoni giet mudellata kwazi kelma b'kelma fuq l- Artikolu 211 tal-Codice*

---

[2] ***Il-Pulizija v. Nicholas Ellul*** App. Krim. 21 ta' Novembru, 1985.

[3] Ara wkoll ***Il-Pulizija v. Bashir Mohtar Ben Duoi u Luccarda sive Luckie Pace*** App. Krim. 26 ta' Awwissu, 1998.

[4] Malta, 1872.

[5] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 68.

*Zanardelli[6]. Hija ghalhekk il-gurisprudenza jew id-dottrina, anke jekk Taljana, dwar din id-disposizzjoni li wiehed, se mai, ghandu jsegwi hu mhux dik dwar il-kalunja. Dan qed jinghad ghax, fil-fehma ta' din il-Qorti, filwaqt li ghar-reat ta' kalunja wiehed jifhem li l-ispontanieta` tad-denunzja tista' tkun importanti proprju biex taccentwa l-intenzjoni specifika, li l-agent irid ikollu, sabiex jinkolpa persuna partikolari li huwa jkun jaf li hi innocenti, fil-kaz tar-reat ta' simulazzjoni ta' reat din il-Qorti ttendi li tara l-uzu tal-kelma "jiddenunzja" fis-sens generiku li "igib a konjizzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva".*

*L-inkriminazzjoni skond l-Artikolu 110(2) hija intiza proprju biex tipprevjeni li l-awitorita` kompetenti toqghod tahli z-zmien tindaga dwar reat li ma jkunx effittivament sehh, apparti l-allarm li l-ahbar jista' jnissel fil-pubbliku u l-fatt li, fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija jista' jaqa' suspett – intortament – fuq persuni li jkunu totalment innocenti. Francesco Antolisei, a propositu tar-reat kontemplat fl-Artikolu 367 tal-Kodici vigenti Taljan, jghid hekk:*

***A proposito della prima forma va notato che l'espressione "denuncia" non e` usata nell'articlo 367 in senso tecnico. Essa comprende anche il referto e il rapporto e, in genere, ogni notitia crminis, orale o scritta, non importa se presentata spontaneamente dal soggetto o per invite dell'Autorita` (per es., in un interrogatorio).[7]***

*U anke l-insinji awtur Luigi Majno, fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 211, jghid hekk:*

***Fu giudicato che, a costituire questo reato, non e` neccessaria la spontaneita` assoluta della denunzia: applicarsi quindi l'art.***

[6] Articolo 211: "Chiunque denunzia all'Autorita` giudiziaria o ad un pubblico ufficiale, il quale abbia obbligo di riferirne all'Autorita` stessa, u reato che sa non essere avvenuto, ovvero ne simula le tracce, in modo che si possa iniziare un procedimento penale per accertarlo, e` punito….". Fil-kodici vigenti Taljan, l-artikolu li jitratta s-simulazzjoni ta' reat huwa l-Artikolu 367.

[7] Antolisei, F., ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II***, Giuffre` (Milano), 1986, p. 895.

***210 [recte: 211] alla falza denunzia [anche quando e`] stata preceduta da qualche indagine del pubblico ufficiale.***[8]

*U Ranieri Babboni jissintezza hekk l-iskop ta' l-inkriminazzjoni u r-rwol tad-denunzja:*

***Trattandosi di un delitto contro l'amministrazzione della giustizia, l'elemento obiettivo del medesimo sta nell'inganno della gustizia stessa, che, per effetto della denunzia, deve procedere alle relative indagini, e niuna importanza ha la mancanza nella denunzia dei requisiti degli art. 98-100 cod. proc. pen., purchè vi sia la possibilità di un procedimento. Sull'attitudine della denunzia a determinare l'attività degli organi giudiziari non possono stabilirsi regole precise, e ogni giudizio in proposito dipende dall'apprezzamento dei fatti nei singoli casi. Può in generale affermarsi che la denunzia deve provenire da persona in grado di comprendere l'atto che compie, e deve riferirsi a un fatto che si presenti nell'insieme come un reato. Non è neccessario che la denunzia sia fatta spontaneamente, potendo essere costituita anche da risposte date all'Autorità giudiziaria, che venga per tal modo informata del preteso reato.***

***Equivale a denuncia la conferma davanti all'Autorità giudiziaria della notizia d'un reato fornita precedentemente ad altra Autorità.***[9]*"*[10]

Dan ir-reat jippostula sitwazzjoni fejn persuna tivvinta li sar xi reat jew bil-qerq tohloq xi provi jew tracci li sehh xi reat bhal, per ezempju, il-kaz li jsehh ta' sikwit f'binjiet pubblici fejn persuna taghmel rapport anonimu illi hemm xi bomba f'wiehed minn dawn il-postijiet, li hija s-simulazzjoni verbali jew diretta. Jew inkella li sabiex jivvinta li sofra

---

[8] Maino, L., ***Commento al Codice Penale Italiano – Volume Secondo***, UTET (Torino), 1924, p. 312, para. 1088.

[9] Babboni, R., "Dei delitti contro l'Amministrazione della Giustizia" in Babboni, R., *et al.* ***Trattato di Diritto Penale***, Vallardi (MilanoBabboni, R., "Dei delitti contro l'Amministrazione della Giustizia" in Babboni, R., *et al.* ***Trattato di Diritto Penale***, Vallardi (Milano), Seconda Edizione, Vol. V, p. 33.), Seconda Edizione, Vol. V, p. 33.

[10] Appell Kriminali Inferjuri - **Il-Pulizija vs Anthony Farrugia** - Imh. Vincent Degaetano, 2 ta' April 2004

serqa mill-vettura tieghu, l-agent jkisser wahda mill-*quarter windows*, sabiex il-pulizija jibdew jaghmlu l-investigazzjonijiet dwar ir-reat tas-serq – din hija s-simulazzjoni reali u indiretta. Illi l-ghan ta' l-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa li jippenalizza l-persuna illi jivvinta li sar reat kemm b'mod verbali kif ukoll materjali, sabiex b'hekk jinbdew investigazzjonijiet kriminali bl-ghan li jigi accertat il-kummissjoni ta' dana l-allegat reat. Il-Professur Mamo jghid:

> *"The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person."*

Mehud in konsiderazzjoni x-xhieda u dokumenti kollha f'dawn il-proceduri ma hemmx dubbju illi dan jinkwadra fil-fatti speci tal-kaz in dizamina. Jirrizultax li l-imputata ddenunzjat lill-Pulizija reat li taf li ma sarx.

Illi, maghmula din l-analizi legali ta' dan ir-reat, l-elementi legali li jsawwru dana r-reat jirrizultaw f'dan il-kaz peress illi jirrizulta illi l-imputata kienet qed tipprova tohloq xi tracci ta' reat jew inkella illi kienet qed tipprova tohloq b'mod qarrieqi xi provi foloz jew iddenunzjat lill-Pulizija xi reat li taf li ma jkunx sehh.

**It-tieni (2) Imputazzjoni –**
**(Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):**

Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati li ordni legittimu moghti mill-pulizija ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinska ta' dak l-ordni (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Austin Grech"** [6.10.1992]). Gie ukoll ritenut li ordni jitqies li hu legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) tal-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali, jekk ikun *prima facie* legittimu, igifieri jkun *prima facie* regolari fil-kontenut tieghu w fil-forma

li fih jinghata.(ara App. Krim' **"Il-Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze"** [25.6.1997].

Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputata fixklet lill-pulizija f'xoghlhom tant li ghamlu erbat ijiem jippruvaw isibu f'imkejjen varji f'Malta l-familja mill-Kuwajt li saret l-allegazzjoni dwarhom.

**DECIDE:**

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u dan wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti, semghet lill-Ispettur dwar il-kaz u rat l-ingredjenti li jsawwru r-reati akkuzata bihom.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qieghda tigi akkuzata l-imputata, l-kundizzjoni specjali li tinsab fiha l-imputata u li ghandha fedina penali netta. L-imputata ghamlet dak li ghamlet ghaliex trid li tinghaqqad ma' zewgha f'pajjizna fejn jghix.

Il-Qorti tfakkar f'dak li qal Papa Frangisku fid-diskors tieghu fis-sessjoni annwali tal-gunta ezekuttiva tal-Programm Alimentari Dinji (PAM) nhar it-Tnejn 13 ta' Gunju 2016:

> *Fid-dinja li fiha ngħixu, fejn kollox hu marbut ma' xulxin speċjalment bil-mezzi tal-komunikazzjoni, id-distanzi ġeografiċi donnhom qed jiqsaru. Għandna l-possibbiltà li jkollna kuntatt kważi fl-istess ħin ma' dak li jkun qed iseħħ fil-parti l-oħra tal-pjaneta. Permezz tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni, inħossuna qrib ta' tant sitwazzjonijiet ta' tbatija u dawn il-mezzi jistgħu jgħinu (u għenu) biex iqanqlu ġesti ta' kompassjoni u ta' solidarjetà. Imqar jekk, paradossalment, din li minn barra tidher qrubija maħluqa mill-informatika qed tixxaqqaq dejjem iżjed. L-informazzjoni żejda li għandna donnha ftit ftit qed*

*toħloq – aħfruli għal dan in-neoloġiżmu – in-"naturalizzazzjoni" tal-miżerja. Irrid ngħid li naqra naqra qed insiru immuni għat-traġedji ta' l-oħrajn u nqisuhom qishom kienu xi ħaġa "naturali". Tant huma fil-għadd l-immaġni li jaslu għandna, li aħna sirna naraw l-uġigħ u t-tbatija imma ma mmissuhomx b'idejna, nisimgħu l-biki imma ma nfarrġux, naraw l-għatx imma ma naqtgħuhx. Hekk, ħafna ħajjiet isiru parti minn aħbar li ftit ħin ieħor teħdilha postha oħra. U, waqt li l-aħbarijiet jinbidlu l-ħin kollu, it-tbatija, il-ġuħ u l-għatx ma jinbidlux, jibqgħu hemm. Din it-tendenza – jew tentazzjoni – qed titlob minna li nagħmlu pass ieħor 'il quddiem u min-naħa tagħha turina r-rwol fundamentali li istituzzjonijiet bħal din tagħkom għandhom fix-xenarju globali. Il-lum ma nistgħux inqisuna sodisfatti biss għax nafu x'inhuma s-sitwazzjonijiet ta' ħafna minn ħutna. L-istatistiċi mhux sa jaqtgħu l-għatx tagħhom. Mhux biżżejjed nelaboraw riflessjonijiet fit-tul jew nintefgħu f'diskussjonijiet bla waqfien fuqhom, billi kontinwament nirrepetu argumenti li diġà kulħadd jafhom. Hemm bżonn "niddenaturalizzaw" il-miżerja u nieqfu nqisuha qisha kienet fatt tar-realtà fost ħafna oħrajn. Għaliex? Għax il-miżerja għandha wiċċ. Għandha l-wiċċ ta' tarbija, għandha l-wiċċ ta' familja, għandha l-wiċċ ta' żgħażagħ u anzjani. Għandha l-wiċċ ta' nuqqas ta' opportunitajiet u ta' xogħol ta' tant persuni, għandha l-wiċċ ta' l-immigranti mġiegħla jħallu pajjiżhom, tad-djar abbandunati jew meqruda. Ma nistgħux "ninnaturalizzaw" il-ġuħ ta' tant persuni; ma nistgħux ngħidu li s-sitwazzjoni tagħhom hi frott ta' destin agħma li quddiemu ma nistgħu nagħmlu xejn. U meta l-miżerja ma jibqgħalhiex wiċċ, nistgħu naqgħu għat-tentazzjoni li nibdew nitkellmu u niddiskutu fuq "il-ġuħ", "l-alimentazzjoni", "il-vjolenza", u nħallu għall-ġenb is-suġġett konkret, reali, li l-lum mill-ġdid qed iħabbat fuq il-bibien tagħna. Meta jonqsu l-uċuħ u l-istejjer, il-ħajjiet jibdew isiru ċifri u hekk ftit ftit inkunu nirriskjaw li nibburokratizzaw l-uġigħ u t-tbatija ta' l-oħrajn. Il-burokraziji ħsiebhom fil-prattika; mill-banda l-oħra, il-kompassjoni – mhux li wieħed jitħassar u daqshekk, imma l-kompassjoni, li wieħed ibati ma' – tirriskja għall-persuni. U naħseb li hawn għandna ħafna x'nagħmlu. Flimkien mal-ħidmiet kollha li diġà qed isiru, hemm bżonn naħdmu biex "niddenaturalizzaw" u niddeburokratizzaw il-miżerja u l-ġuħ ta'*

*ħutna. Dan jitlob minna interventi fuq skali u livelli differenti fejn inqiegħdu bħala mira ta' l-isforzi tagħna l-persuna konkreta li qed tbati u hi bil-ġuħ, imma li fih ukoll għana immens ta' enerġiji u potenzjalitajiet li rridu ngħinu jesprimu ruħhom konkretement.*

Il-Qorti filwaqt li tifhem dan, taghmilha cara li biex taghmel dan meta waslet f'pajjizna kellha tmur ghand il-Kummissarju tar-Refugjati biex taghmel l-applikazzjoni ghall-protezzjoni u mhux tivvinta storja kif issugerilha min organizzalha l-vjagg. Il-pulizija mill-bidu riedu jaghtuha l-ghajnuna kollha biex taghmel l-applikazzjoni izda hi baqghet ghal jiem shah tippersisti bl-istorja taghha, anke meta kienet konfrontata bil-verzjoni ta' zewgha.

Il-Qorti bis-sentenza li ser taghti, l-imputata ser jkollha cans biex taghmel l-applikazzjoni ghall-protezzjoni u jkun il-Kummissarju tar-Refugjati li jiddeciedi jekk hemmx kaz jew le fejn l-imputata tinghata xi tip ta' protezzjoni kif jipprovdi l-Att tar-Refugjati (Kap 420) tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 110(2) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi dedotti fil-konfront taghha u tikkundanha ghall-perijodu ta' sena prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta' l- Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sena prigunerija ghal sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta′ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta l-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem car ir-responsabbiltà taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta jekk tikkommetti matul il-perijodu operattiv ta′ din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta′ prigunerija.

**Ft./DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**